

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* Baskaya di Baskaya & C. s.a.s.

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark figurattiva, li tinkludi l-element verbali “BASKAYA”, għal prodotti fil-klassijiet 29, 30 u 32

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* ir-rikorrenti

*Trade mark jew sinjal invokat:* trade mark figurattiva internazzjonali rreġistrata, li tinkludi l-element verbali “Passaia”, għal prodotti fil-klassi 32

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 <sup>(1)</sup> peress li l-Bord tal-Appell ma applikax l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni bejn l-Isvizzera u l-Ġermanja tat-13 ta' April 1892 dwar il-protezzjoni reċiproka tal-privattiva, tad-disinn u tat-trade mark, u għalhekk, ma ħax inkunsiderazzjoni l-prova tal-użu prodotta mir-rikorrenti.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 2009, L 78, p. 1).

### Rikors ippreżentat fil-21 ta' Marzu 2011 — Hopf vs UASI (Clampflex)

(Kawża T-171/11)

(2011/C 145/58)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

#### Partijiet

*Rikorrent:* Hans-Jürgen Hopf (Zirndorf, il-Ġermanja) (rappreżentant: V. Mensing, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

#### Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tad-19 ta' Jannar 2011, fil-Każ R 1514/2010 4;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż, inklużi dawk tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali “Clampflex” għal prodotti fil-klassijiet 5, 9, 10, 17 u 20.

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* applikazzjoni parzjalment miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 <sup>(1)</sup>, peress li t-trade mark ikkonċernata għandha karattru distintiv u ma hijiex deskrittiva.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1)

### Rikors ippreżentat fit-22 ta' Marzu 2011 — Hesse vs UASI — Porsche (Carrera)

(Kawża T-173/11)

(2011/C 145/59)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

#### Partijiet

*Rikorrent:* Kurt Hesse (Nürnberg, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Krogmann, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Dr. Ing. h.c. F. Porsche AG (Stuttgart, il-Ġermanja)

#### Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tal-11 ta' Jannar 2011, fil-Każ R 306/2010-4 u tiċħad l-oppożizzjoni kontra l-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 5 723 432 tas-16 ta' Frar 2007;

— sussidjarjament,

(a) tannulla d-deċiżjoni kkontestata, sa fejn tikkonstata xebh bejn il-prodotti jew vantaġġ indebitu miksub mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni tal-prodotti koperti mit-trade marks invokati insostenn tal-oppożizzjoni, mill-prodotti jew mis-servizzi marbuta magħhom koperti mit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni li huma aċċessorji tal-vetturi li joriġinaw minn swieq differenti maħsuba sabiex jiġu implementati indipendentement kemm fuq ġewwa kif ukoll fuq barra ta' vetturi mekkaniċi;

(b) tannulla d-deċiżjoni kkontestata, sa fejn tikkonstata xebh bejn il-prodotti jew vantaġġ indebitu miskub mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni tal-prodotti tat-trade marks invokati fl-oppożizzjoni, mill-prodotti jew mis-servizzi marbuta magħhom koperti mit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni li, min-natura tagħhom (strumenti elettroniċi għal vetturi mekkaniċi), mill-għan tagħhom (divertiment, mużika, informazzjoni dwar it-traffiku) jew mill-użu tagħhom, ma għandhom ebda punt komuni rilevanti mal-prodotti u ma għandhomx jitqiesu bħala kumplimentari (prodotti li hemm rabta bejniethom fis-sens li l-prodotti identifikati fl-applikazzjoni għal trade mark huma indispensabbli jew importanti għall-użu tat-trade marks invokati insostenn tal-oppożizzjoni) u li jintużaw indipendentement minn xulxin;

(c) tannulla d-deċiżjoni kkontestata, sa fejn tikkonstata xebh bejn il-prodotti jew vantaġġ indebitu miksub mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni fir-rigward ta' strumenti jew apparati elettriċi jew elettroniċi u l-installazzjoni kkombinata tagħhom (pereżempju strumenti ta' navigazzjoni) tal-klassi 9 jew ta' servizzi relatati li jistgħu jintużaw sabiex jipperfezzjonaw bl-istess mod it-tagħmir ta' vetturi ta' kwalunkwe mudell jew oriġini li joriġinaw minn swieġ differenti;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrent

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali "Carrera" għal prodotti fil-klassi 9

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* Dr. Ing.h.c.F. Porsche AG

*Trade mark jew sinjal invokat:* it-trade mark nazzjonali u Komunitarja "CARRERA" għal prodotti fil-klassi 12

*Deċiżjoni tad-Divizzjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell milqugħ u applikazzjoni għal reġistrazzjoni miċħuda

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) u tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 <sup>(1)</sup>, peress li ma kien hemm ebda probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks kunfliġġenti u ma kienx hemm vantaġġ indebitu miksub mill-karattru distintiv tat-trade marks invokati insostenn tal-oppożizzjoni.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 2009, L 78, p. 1).

### Rikors ippreżentat fil-25 ta' Marzu 2011 — PASP et vs Il-Kunsill

(Kawża T-177/11)

(2011/C 145/60)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

*Rikorrenti:* Port autonome de San Pedro (PASP) (San Pedro, il-Côte d'Ivoire), Port autonome d'Abidjan (Abidjan, il-Côte d'Ivoire), Société de gestion du patrimoine du secteur de l'électricité (Sogepe) (Abidjan) (rappreżentant: M. Ceccaldi, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

#### Talbiet

Ir-rikorrenti jitlobu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni 2011/18/PESK u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 25/2011, tal-14 ta' Jannar 2011, li jstabbilixxi miżuri restrittivi kontra ċerti persuni u entitajiet u b'mod partikolari fir-rigward tal-kumpanniji rikorrenti, jiġifieri PORT AUTONOME DE SAN PEDRO, PORT AUTONOME D'ABIDJAN, société de gestion du patrimoine du secteur de l'électricité imsejħa SOGEPE;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż

### Motivi u argumenti prinċipali

Il-motivi u l-argumenti prinċipali invokati mir-rikorrenti huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-142/11, SIR vs Il-Kunsill.

### Rikors ippreżentat fit-18 ta' Marzu 2011 — Voss of Norway vs UASI — Nordic Spirit ("Flixkun" Tridimensjonali)

(Kawża T-178/11)

(2011/C 145/61)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

*Rikorrenti:* Voss of Norway ASA (Oslo, in-Norveġja) (rappreżentanti: F. Jacobacci u B. La Tella, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Nordic Spirit AB (publ) (Stokkolma, l-Isvezja)